MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 483/2005

***APS Bank Limited***

***Versus***

**Francis Mary *sive* Franco Azzopardi**

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni tas-soċjetà attriċi fejn ippremettiet illi l-konvenut Francis Mary *sive* Franco Azzopardi huwa debitur tal-bank attur fis-somma ta’ ħamest elef, disa’ mija u wieħed u tmenin lira Maltin u ċentezmi (Lm5,981.01) rapprezentanti bilanċ komplessiv ta’ faċiltajiet mogħti lill-istess konvenut mill-Bank attriċi kwantu għas-somma ta’ ħamest elef, mija u sitta u ħamsin lira Maltin u tmenin ċentezmu (Lm5,156.80) bħala bilanċ ta’ debitu ta’ *Loan Account*, kwantu għas-somma ta’ mitejn u għaxar liri Maltin u wieħed u sittin ċentezmu (Lm210.60) bħala bilanċ ta’ debitu ta’ *Interest Disposal Current Account*, kwantu għas-somma ta’ sitt mitt lira Maltin u tliet ċentezmi (Lm600.03) bħala bilanċ ta’ debitu ta’ *Current Account* kif

ukoll kwantu għas-somma ta' tlettax-il lira Maltin u sebgħa u ħamsin ċentezmu (Lm13.57) bħala bilanċ ta' debitu ta' *Interest Disposal Current Account* oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

L-istess soċjetà attriċi talbet illi l-qorti:

1) Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi tas-somma ta' ħamest elef, disa' mija u wieħed u tmenin lira Maltin u ċenteżmu (Lm5,981.01) rappreżentanti bilanċ komplessiv ta' faċiltajiet mogħti lill-istess konvenut mill-Bank attriċi kwantu għas-somma ta' ħamest elef, mija u sitta u ħamsin lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm5,156.80) bħala bilanċ ta' debitu ta' *Loan Account*, kwantu għas-somma ta' mitejn u għaxar liri Maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm210.60) bħala bilanċ ta' debitu ta' *Interest Disposal Current Account*, kwantu għas-somma ta' sitt mitt lira Maltin u tliet ċenteżmi (Lm600.03) bħala bilanċ ta' debitu ta' *Current Account* kif ukoll kwantu għas-somma ta' tlettax-il lira Maltin u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm13.57) bħala bilanċ ta' debitu ta' *Interest Disposal Current Account* oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

2) Tikkundana lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-imsemmija somma ta' ħamest elef, disa' mija u wieħed u tmenin lira Maltin u ċenteżmi (Lm5,981.01);

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inklużi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u ta' sekwestru preżentati kontestwalment maċ-ċitazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li l-konvenut Francis Mary Azzopardi ġie notifikat b'din il-kawża fil-21 ta' Diċembru 2006 u mill-proċess jirriżulta li sa llum huwa baqa' ma ppreżenta l-ebda nota ta' eċċezzjonijiet għat-talbiet tas-soċjetà attriċi, u li għalhekk huwa kontumaċi.

Rat il-verbat tas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2008 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Rat li l-konvenut baqa' ma deherx għall-kawża u ma ppreżenta ebda rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

Għalkemm il-konvenut hu kontumaċi s-soċjetà attriċi xorta għandha tipprova l-każ tagħha.

Għalhekk din il-Qorti sejra biex tagħti s-sentenza wara li semgħet il-provi li tressqu dwar il-każ.

Mix-xhieda ta’ Cheryl Azzopardi, prodotta mis-soċjetà attriċi, jidher illi l-ammont riklamat mis-soċjetà attriċi għadu dovut fl-intier tiegħu.
Għal din ir-raġuni l-qorti taqta’ l-kawża billi, wara li tgħid illi l-konvenut huwa debitur tal-bank attur fis-somma ta’ tlettax-il elf disa’ mija u tnejn u tletin euro (€13,932) [ekwivalenti ghal ħamest elef, disa’ mija u wieħed u tmenin lira Maltin u ċentezmu (Lm5,981.01)] rapprezentanti bilanċ komplessiv ta’ faċiltajiet mogħti lill-istess konvenut mill-bank attur, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-bank attur is-somma ta tlettax-il elf disa’ mija u tnejn u tletin euro (€13,932) flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------